MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 13/2003

**Matthew Camilleri**

**vs**

**Maltapost plc**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru, 2003 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"**Introduzzjoni**

Illi b'ittra datata 29 ta' Awissu, 2002, l-appellant talab lil Onor Vici Prim Ministru u Ministru tal-Politika Socjali jirreferi t-talba lil dan t-Tribunal ai termini tal-Kap 266, liema riferenza saret b'ittra datata 2 ta' Settembru.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

Illi fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, is-socjeta` intimata eccepiet li stante li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat avverat fl-4 ta' Jannar, 2002, il-kaz tieghu gie prezentat u 'fuori termine' l-erba' (4) xhur.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-Art 28(3) tal-Kap 266 jipprefiggji terminu fatali ta' erba' (4) xhur sabiex impjegat jirrikorri lejn dan it-Tribunal meta jallega li tkecca ngjustament. Kif ritenut konstatentement dan il-perjodu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux prorogabbli u/jew interrompibbli. Josephine Attard Sultana, f'isem il-G.W.U tallega li kienet hi li baghtet l-ittra mehuda mix-xufier ta' Segretarju Generali Joseph Ellul u moghtija lil messaggier Anthony Caruana tal-Ministretu tal-Politika Socjali. L-ittra datata 20 ta' Marzu, 2002 jidher minn naha tal-Ministeru li ma waslitx (Dok JAS 1). Dok JAS 2 hija l-firma ta' ricevuta tal-messaggier. X'gara wara, hija l-problema in ezami. Veru li fl-envelope maghluq il-kontenut ma kienx distingwibbli u skonoxxut.

Illi huwa inspjegabbli x'issuccieda fir-Registru tal-Ministeru. Qatt ma grat haga bhal din u ma tirrizultax mill-kotba taghhom. Pero` jirrizulta li s-sistema attwali, ghalkemm funzjonabbli, ma hiex sigura sal-ahhar. Dana qed jinghad ghaliex hawn si tratta ta' materja kritika li tirrigwardja terminazzjoni tal-impjieg ta' haddiem u ghandu jinstab mekkanizmu aktar modern u effikaci li jaghti affidament ghan-notifika. Rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni xejn cara u/jew kristallizzata, u in vista tal-materja in ezami, it-Tribunal ihoss li ghandu jikkoncedi l-beneficcju tad-dubju. Aktar u aktar meta l-istess persuna fic-centru tal-pendenza cioe` l-appellant, ma kellu l-ebda nvolviment u/jew kontroll fil-procedura. Element ta' dekadenza ghandhu jigi nterpretat bl-aktar mod ristrett.

**Konkluzjoni**

It-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jichad l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata relattivament ta' preskrizzjoni, u jordna l-prosegwiment tal-kwistjoni dwar il-meritu."

Is-socjeta` Maltapost tikkontesta din is-sentenza tat-Tribunal li cahad l-eccezzjoni taghha tad-dekadenza bl-aggravju li d-decizjoni kienet infondata u zbaljata. B'mod partikolari hi tenfasizza li t-Tribunal messu qaghad fuq il-provi prodotti u mhux jigbed konkluzjoni minn dak li seta' gara u fuq dak li sikwit jinghad fuq id-Dipartimenti tal-Gvern b'mod generali.

L-appellat fit-twegiba tieghu ghal dan l-aggravju, jopponilu n-nullita` ta' l-appell in kwantu ma jitrattax punt ta' ligi. Fuq kollox, isostni illi fuq il-provi in atti t-Tribunal sewwa apprezza l-fatti u korrettement iddecieda li hu kien ressaq it-talba tieghu fit-terminu utili stabbilit mil-ligi.

Konsiderata l-materja prettament fl-ambitu tal-eccezzjoni sollevata tan-nullita` tal-appell, ghandu jigi osservat illi meta l-vertenza tkun tirrigwarda, bhal ma hekk hu proprju l-kaz 'de quo', kwestjoni ta' tkeccija minghajr gusta kawza, d-dritt ta' appell konferit bl-Att XXII ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali hu wiehed limitat ghal <u>punt ta' ligi</u> (Art 82(3)).

Rigwardata purament taht dan l-aspett, is-sentenza appellata ma tidherx li tikkontjeni hlief gudizzju tal-provi u l-fehma tat-Tribunal estratta minn dawn l-istess provi. Jidher bil-wisq evidenti li fiha ma hemm xejn hlief apprezzament tal-fatti rizultati mill-provi u certament fuq din il-bazi s-socjeta` appellanti ma tistghax tibbaza l-assunt taghha ta' l-appellabilita` tad-decizjoni. In effetti, kif koncepit, l-appell innifsu jaghmel rikjam ghall-istess provi biex minnhom jiddeduci li t-Tribunal kien skorrett f'dan l-apprezzament tieghu. Fih ma nsibu l-ebda punt ta' ligi li fuqu jista' jirpoza l-appell izda sempliciment kostatazzjonijiet ta' fatti li fuqhom is-socjeta` appellanti tistrieh biex issostni t-tezi taghha. Minn dan il-punto di vista s-sentenza appellata, hekk bazata merament fuq apprezzament ta' provi u l-fehma tat-Tribunal dwarhom, ma tistax titqies censurabbli minn din il-Qorti. Certament,

imbaghad, ma kienetx tintitola u tikkompeti lis-socjeta` appellanti dritt ta’ appell minnha.

Ferma din il-konkluzjoni, s-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti ma jistghux iservuha ta’ vantagg ghall-akkoljiment tal-appell. Dan ghar-raguni illi dan l-appell, skarn mill-punt ta’ ligi, ma jistghax hlief jigi dikjarat irritu u null.

Dan premess, hemm ukoll konsiderazzjoni ohra li trid issir, u li din il-Qorti hi obbligata, ghall-motivi ta’ ordni pubbliku, li tirrileva “ex officio”. Skond l-Avviz Legali 425 ta’ l-2002, l-Kap 266 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali kellu jibqa’ jirregola dawk il-kazijiet kollha li kienu pendenti minnufih qabel is-27 ta’ Dicembru 2002 quddiem it-Tribunal Industrijali.

Issa, kif konoxxut, dak l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ma kienx jakkorda dritt dirett ta’ appell mid-decizjoni tat-Tribunal lill-Qorti ta’ l-Appell izda biss id-dritt ta’ sindikar mill-Qrati ordinarji tal-operat tat-Tribunal. Gurisdizzjoni din limitata ghal meta t-Tribunal ikun mar “ultra vires” jew kontra r-regoli ta’ gustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra xi ligi miktuba. Ara, per ezempju, sentenza fl-ismijiet “**Michael Mallia noe -vs- Carmel Debono et**”, Appell, 13 ta’ Frar 1997.

Din il-Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni tinoltra ruhha fuq din il-materja hawn sollevata ‘marte proprio’ minnha fil-kawza fl-ismijiet “**Alec Anderson -vs- ASP Management Services Limited**”, 24 ta’ Marzu 2004, u ghalhekk a skans ta’ ripetizzjoni taghmel ampja referenza ghaliha.

Mill-atti f’dan il-kaz jirrizulta bla ebda dubbju illi l-kaz kien diga’ beda jinstema` u jigi trattat mit-Tribunal adit qabel id-data specifika tas-27 ta’ Dicembru 2002 precizata fl-Avviz Legali msemmi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-harga supplimentari tal-31 ta’ Dicembru 2002. Konsegwentement dan baqa’, nonostante il-kap 452 regolanti r-relazzjonijiet industrijali, hekk introdott fl-2002, jigi regolat mill-Kap 266, u dan, kif inghad, ma kienx

jipprovdi ghal dritt dirett ta' appell.  Ankorke` allura l-appell interpost kien jikkontjeni punt ta' ligi l-istess ma kienx jiswa b'gustifikazzjoni biex tigi adita din il-Qorti.

Ghall-motivi premessi, kemm dik ta' l-eccezzjoni tal-irritwalita` opposta mill-appellat kif ukoll dik tal-inappellabilita` sollevata 'ex officio' minn din il-Qorti, l-appell interpost qed jigi rigettat bhala null u inattendibbli, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.  Salv lill-istess socjeta` appellanti kull xorta ta' rimedju iehor, jekk u skond il-ligi.  Finalment qed tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal Industrijali ghall-kontinwazzjoni u trattazzjoni tal-kaz quddiemu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------